# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2002**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 1817/01GV**

**John Parnis England**

**vs**

**Shielal Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa propjetarju tal-fond 60, Triq it-Torri, Sliema liema fond gie mikri lill-kumpanija konvenuta permezz ta' skrittura datata 12 ta' Jannar, 1996 (kopja annessa bhala dokument A);

Premess illi l-istess skrittura (artikolu 13) taghti d-dritt iill-attur ixolji l-kuntratt ta' bejniethom jekk il-kumpanija konvenuta tonqos li thalias sena kera u tibqa' ma thallasx anke wara ii jghaddi xahar minn meta tigi notifikata b'ittra ufficjali;

Premess illi l-kumpanija konvenuta naqset li thallas zewg arretrati ta' kera, ghal perjodu ta' sena, ammontanti ghal zbatax il-elf u hames mitt lira (Lm17,500)*;*

Premess illi l-attur interpella lill-kumpanija konvenuta tonora

l-kundizzjonijiet ta' kera u thallas l-arretrati permezz ta' ittri ufficjali datati 18 ta' Mejju, 2001 (notifikata fit-23 ta' Mejju, 2001) u 19 ta' Ottubru (notifikata fis-26 ta' Ottubru, 2001), liema ittri huma annessi bhala Dok C u Dok D rispettivament, pero' il-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 167(1)(b) tal-Kap 12 stante li l-kumpanija konvenuta m'ghandiex difiza xi tressaq kontra t-talbiet ghall-izgumbrament u ghall-hlas tal-arretrati ta' kera, u l-attur qieghed jannetti affidavit bhala dokument B.

L-attur talab lil din il-Qorti, prevja dikjarazzjoni, jekk inkun il-kaz li l-lokazzjoni giet xolta:

1. tisma u tiddeciedi il-kawza bid-dispens tas-smiegh u;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' zbatax il-elf u hames mitt lira (Lm17,500) dovuta bhala arretrati ta' kera ghall-iskadenzi tal-15 ta' April, 2001 u tal-15 ta' Ottubru, 2001 fuq il-fond 60, Tniq it-Torri, Sliema;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tizgombra mill-fond 60, Tniq it-Torri, Sliema fi zmien ii jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;u

4. Tillikwida d-danni bhala kumpens sakemm il-fond jitbattal;

*5.* Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzl dawk tal-Ittri ufficjali tat-18 ta' Mejju u tad-19 ta' Ottubru 2001, u bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2001 fejn l-attur ceda r-raba' u l-hames talba;

Semghet lil Andrew Vaswani ghas-socjeta' konvenuta li ammetta l-ewwel tlett talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, u tipprefiggi terminu ta' xahar zmien millum, improrogabbli, biex is-socjeta' konvenuta tizgombra mill-fond imsemmi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**